

Brussell, 16 ta' Marzu 2021  
(OR. en)

7097/21

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2018/0224 (COD)**

---

**VOTE 15  
INF 60  
PUBLIC 18  
CODEC 382**

**NOTA**

---

Suġġett:

- Riżultat tal-votazzjoni
- **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013**
  - = Eżitu tal-proċedura bil-miktub mitmuma fis-16 ta' Marzu 2021
  - = Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill

---

L-eżitu tal-votazzjoni dwar l-att leġiżlattiv imsemmi jinsab fl-Anness 1 għal din in-nota.

Dokument ta' referenza:

7064/20  
+ ADD 1  
+ ADD 1 COR 1

data tad-deċiżjoni li tintuża l-Proċedura bil-Miktub mill-Coreper, Parti 1, 10.03.2021

L-istqarrijiet u d-dikjarazzjonijiet u/jew l-ispedjegazzjonijiet tal-votazzjoni jinsabu fl-Anness 2 għal din in-nota.



## General Secretariat of the Council

Institution: **Council of the European Union**  
 Session:  
 Configuration:  
 Item: **2018/0224 (COD)** (Document: **7064/20**)  
 Voting Rule: **qualified majority**  
 Subject: REGULATION OF THE EUROPEAN PARLIAMENT AND OF THE COUNCIL establishing Horizon Europe – the Framework Programme for Research and Innovation, laying down its rules for participation and dissemination, and repealing Regulations (EU) No 1290/2013 and (EU) No 1291/2013

Vote	Members	Population (%)
Yes	27	100%
No	0	0%
Abstain	0	0%
Not participating	0	
Total	27	

Sitting date: **16/03/2021**

Final result



Member State	Weighting	Vote	Member State	Weighting	Vote
BELGIQUE/BELGIË	2,58		LIETUVA	0,62	
БЪЛГАРИЯ	1,55		LUXEMBOURG	0,14	
CESKÁ REPUBLIKA	2,35		MAGYARORSZÁG	2,18	
DANMARK	1,30		MALTA	0,11	
DEUTSCHLAND	18,54		NEDERLAND	3,91	
EESTI	0,30		ÖSTERREICH	1,98	
ÉIRE/IRELAND	1,11		POLSKA	8,47	
ΕΛΛΑΔΑ	2,39		PORTUGAL	2,30	
ESPAÑA	10,56		ROMÂNIA	4,31	
FRANCE	14,97		SLOVENIJA	0,47	
HRVATSKA	0,91		SLOVENSKO	1,22	
ITALIA	13,58		SUOMI/FINLAND	1,23	
ΚΥΠΡΟΣ	0,20		SVERIGE	2,30	
LATVIJA	0,43				

\* When acting on a proposal from the Commission or the High Representative, qualified majority is reached if at least 55 % of members vote in favour (15 MS) accounting for at least 65% of the population

For information: <http://www.consilium.europa.eu/public-vote>

**Dikjarazzjoni mill-Kunsill**

Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex tiżgura l-akbar involviment tal-Kunsill, matul in-negozjati ta' ftehimiet li jassoċjaw pajjiżi terzi ma' programmi tal-Unjoni, inkluż il-Programm Qafas tal-UE għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, Orizzont Ewropa, f'konformità mal-Artikolu 218 TFUE. Għal dan il-għan, f'konformità mal-Artikolu 218(4) TFUE, il-Kunsill jista' jaħtar kumitat speċjali li f'konsultazzjoni miegħu jsiru n-negozjati, inkluż fir-rigward tat-tfassil u l-kontenut ta' tali ftehimiet.

F'dan ir-rigward, il-Kunsill ifakkar fil-prinċipju ta' kooperazzjoni sinċiera bejn l-istituzzjonijiet tal-UE, kif stipulat fit-tieni sentenza tal-artikolu 13(2) TUE, u l-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE dwar l-Artikolu 218(4) TFUE, li skontu l-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-kumitat speċjali bl-informazzjoni u d-dokumenti neċessarji kollha għall-monitoraġġ tal-progress tan-negozjati, bħal pereżempju, b'mod partikolari, l-għanijiet ġenerali mħabbra u l-pożizzjonijiet meħuda mill-partijiet l-oħra matul in-negozjati, fi żmien xieraq qabel il-laqgħat tan-negozjati, sabiex tippermetti l-formulazzjoni tal-opinjonijiet u pariri relatati man-negozjati<sup>1</sup>.

Fejn diġà jeżistu ftehimiet li jassoċjaw pajjiżi terzi ma' programmi tal-Unjoni li jinkludu awtorizzazzjoni permanenti għall-Kummissjoni biex tiddetermina t-termini u l-kondizzjonijiet speċifiċi applikabbli għal kull pajjiż fir-rigward tal-parteciċipazzjoni tiegħu fi kwalunkwe programm partikolari, u fejn il-Kummissjoni hija assistita f'dan il-kompitu minn kumitat speċjali, il-Kunsill ifakkar li l-Kummissjoni għandha taġixxi f'konsultazzjoni ma' dak il-kumitat speċjali b'mod sistematiku matul il-proċess ta' negozjar, pereżempju billi tikkondividi abbozzi ta' testi qabel il-laqgħat mal-pajjiżi terzi rilevanti u billi tipprovdi briefings u debriefings regolari.

Fejn diġà jeżistu ftehimiet li jassoċjaw pajjiżi terzi ma' programmi tal-Unjoni iżda fejn ma jkun previst l-ebda kumitat speċjali, il-Kunsill iqis li l-Kummissjoni għandha b'mod simili tidħol f'dialogu mal-Kunsill u l-korpi preparatorji tiegħu b'mod sistematiku matul il-proċess ta' negozjar meta jiġu ddeterminati t-termini u l-kondizzjonijiet speċifiċi għall-assoċjazzjoni ma' Orizzont Ewropa.

---

<sup>1</sup> Ara s-sentenza tas-16 ta' Lulju 2015, *Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill*, C-425/13, EU:C:2015:483, punt 66.

## Dikjarazzjoni mill-Kunsill dwar l-Artikolu 5

Il-Kunsill ifakkar li jirriżulta mill-Artikoli 179(3) u 182(1) TFUE, moqrija flimkien, li l-Unjoni tista' tadotta Programm Qafas pluriennali wieħed biss li jistabbilixxi l-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp teknoloġiku kollha tal-Unjoni. Il-Kunsill huwa għalhekk tal-fehma li l-Fond Ewropew għad-Difiża msemmi fl-Artikolu 1(2)(c) tar-Regolament li jistabbilixxi l-Programm Qafas tal-Unjoni għar-Riċerka - Orizzont Ewropa, li jkopri kemm l-attivitajiet ta' riċerka kif ukoll ta' żvilupp teknoloġiku ta' dan il-Fond, huwa programm speċifiku li jimplementa l-Programm Qafas skont it-tifsira tal-Artikolu 182(3) TFUE u jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament li jistabbilixxi dak il-Programm Qafas.

### Dikjarazzjoni politika konġunta dwar l-użu mill-ġdid ta' fondi diżimpenjati f'Orizzont Ewropa

Fid-Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-użu mill-ġdid ta' fondi diżimpenjati fir-rigward tal-programm ta' riċerka<sup>2</sup>, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni qablu li jerġgħu jagħmlu disponibbli għall-benefiċċju tal-programm ta' riċerka approprijazzjonijiet ta' impenn, li jikkorrispondu għall-ammont sa EUR 0,5 biljun (fi prezzijiet tal-2018) fil-perijodu 2021-2027 ta' diżimpenji, li jirriżulta minn nuqqas ta' implimentazzjoni totali jew parzjali ta' proġetti li jappartjenu għall-Programm Qafas "Orizzont Ewropa" jew il-predeċessur tiegħu "Orizzont 2020", kif previst fl-Artikolu 15(3) tar-Regolament Finanzjarju. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-awtorità baġitarja u għas-setgħat tal-Kummissjoni li timplimenta l-baġit, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li d-distribuzzjoni indikattiva ta' dak l-ammont ser tkun kif ġej sa:

- EUR 300 000 000 fi prezzijiet kostanti tal-2018 għall-cluster "Diġitali, Industrija u Spazju" b'mod partikolari għar-riċerka tal-kwantum;
- EUR 100 000 000 fi prezzijiet kostanti tal-2018 għall-cluster "Klima, Enerġija u Mobbiltà"; kif ukoll
- EUR 100 000 000 fi prezzijiet kostanti tal-2018 għall-cluster "Kultura, Kreattività u Soċjetà Inklużiva".

---

<sup>2</sup> ĠU C 444I, 22.12.2020, p. 3–3

### **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-Premessa 47**

Il-Kummissjoni biħsiebha timplimenta l-baġit tal-Aċċelleratur tal-EIC b'mod li tiżgura li l-appoġġ ta' għotja biss lill-SMEs, inklużi n-negozji ġodda, jikkorrispondi għall-appoġġ ipprovdut taħt il-baġit tal-istrument għall-SMEs tal-Programm Orizzont 2020, f'konformità mat-termini stabbiliti fl-Artikolu 48, il-paragrafu 1 u l-premessa 47 tar-Regolament Orizzont Ewropa.

### **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-Artikolu 6**

Wara talba, il-Kummissjoni biħsiebha tiskambja fehmiet mal-Kumitat responsabbli fil-Parlament Ewropew dwar: (i) il-lista ta' kandidati għas-sħubijiet potenzjali abbażi tal-Artikoli 185 u 187 TFUE li se jkunu koperti mill-valutazzjonijiet tal-impatt (tal-bidu); (ii) il-lista ta' missjonijiet tentattivi identifikati mill-bordijiet tal-Missjoni; (iii) ir-riżultati tal-Pjan Strateġiku qabel l-adozzjoni formali tiegħu, u (iv) se tippreżenta u tikkondividi dokumenti relatati mal-programmi ta' ħidma.

### **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-etika/dwar ir-riċerka taċ-ċelloli staminali - l-Artikolu 19**

Għall-Programm Qafas Orizzont Ewropa, il-Kummissjoni Ewropea tipproponi li tissokta bl-istess qafas etiku tal-Programm Qafas Orizzont 2020 biex jittieħdu deċiżjonijiet dwar il-finanzjament tal-UE għar-riċerka dwar iċ-ċelloli staminali tal-embrijuni tal-bniedem.

Il-Kummissjoni Ewropea tipproponi l-issoktar ta' dan il-qafas etiku minħabba li dan żviluppa, abbażi tal-esperjenza, approċċ responsabbli għal qasam promettenti ħafna tax-xjenza u wera li jaħdem b'mod sodisfaċenti fil-kuntest ta' programm tar-riċerka li fih jipparteċipaw riċerkaturi minn bosta pajjiżi b'sitwazzjonijiet regolatorji differenti ħafna.

1. Id-deċiżjoni dwar il-Programm Orizzont Ewropa espliċitament teskludi tliet oqsma ta' riċerka mill-finanzjament tal-Unjoni:

— attività ta' riċerka li timmira għall-klonazzjoni tal-bniedem għall-finijiet ta' riproduzzjoni;

— attivitajiet ta' riċerka maħsuba għall-modifika tal-wirt ġenetiku tal-bnedmin li tista' tagħmel mod li tali tibdil ikun jista' jintiret;

— attivitajiet ta' riċerka maħsuba sabiex joħolqu embrijuni tal-bniedem għall-fini biss ta' riċerka jew għall-fini tal-kisba ta' ċelloli staminali, anke permezz ta' trasferiment ta' nuklei ta' ċelloli somatiċi.

2. Ma jingħata l-ebda finanzjament fl-Istati Membri kollha fejn attività tkun ipprojbata. Fejn attività tkun ipprojbata fi Stat Membru, din mhix ser tiġi ffinanzjata f'dak l-Istat Membru.

3. Id-deċiżjoni dwar Orizzont Ewropa u d-dispożizzjonijiet għall-qafas etiku li jirregola l-finanzjament tal-Unjoni tar-riċerka dwar iċ-ċelloli staminali tal-embrijuni tal-bniedem bl-ebda mod ma tinvolvi għudizzju ta' valur dwar il-qafas regolatorju jew etiku li jirregola din ir-riċerka fl-Istati Membri.

4. Meta l-Kummissjoni Ewropea tagħmel sejħa għal proposti, hija ma tissolleċitax b'mod espliċitu l-użu ta' ċelloli staminali tal-embrijuni tal-bniedem. L-użu possibbli ta' ċelloli staminali tal-bniedem, sew jekk ikunu dderivati minn adulti jew minn embrijuni, jiddependi mill-għudizzju tax-xjenzjati, fid-dawl tal-objettivi li jkunu jridu jilħqu. Fil-prattika, bil-bosta l-akbar parti tal-fondi tal-Unjoni għar-riċerka dwar iċ-ċelloli staminali hija ddedikata għall-użu ta' ċelloli staminali adulti. Ma hemm l-ebda raġuni għaliex dan għandu jinbidel sostanzjalment f'Orizzont Ewropa.

5. Kull proġett li jipproponi li juża ċelloli staminali tal-embrijuni tal-bniedem irid jgħaddi b'suċċess minn evalwazzjoni xjentifika li matulha esperti xjentifiċi indipendenti jivvalutaw il-ħtieġa li jintużaw tali ċelloli staminali biex jintlaħqu l-objettivi xjentifiċi.

6. Il-proposti li jgħaddu b'suċċess mill-evalwazzjoni xjentifika mbaġħad ikunu soġġetti għal analiżi tal-etika stretta organizzata mill-Kummissjoni Ewropea. F'din l-analiżi tal-etika, jitqiesu l-prinċipji riflessi fil-Karta tal-UE tad-Drittijiet Fundamentali u l-konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti, bħall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Bijomediċina, iffirmata f'Oviedo fl-4 ta' April 1997, u l-protokoll addizzjonali tagħha, kif ukoll id-Dikjarazzjoni Universali dwar il-Ġenoma tal-Bniedem u d-Drittijiet tal-Bniedem adottata mill-UNESCO. L-analiżi tal-etika sservi wkoll biex tivverifika li l-proposti jirrispettaw ir-regoli tal-pajjiżi fejn tkun se titwettaq ir-riċerka.

7. F'każijiet partikolari, l-analiżi tal-etika tista' titwettaq matul il-perjodu kemm idum il-proġett.

8. Qabel ma jibdew, il-proġetti kollha li jipproponu l-użu ta' ċelloli staminali tal-embrijuni tal-bniedem iridu jiksbu l-approvazzjoni tal-kumitat tal-etika nazzjonali jew lokali rilevanti. Ir-regoli u l-proċeduri nazzjonali kollha jridu jiġu osservati, inkluż f'dak li jirrigwarda kwistjonijiet bħall-kunsens tal-ġenituri, in-nuqqas ta' inċitament finanzjarju, eċċ. Se jsiru kontrolli dwar jekk il-proġett jinkludix referenzi għal miżuri ta' liċenzjar u ta' kontroll li għandhom jittieħdu mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn se titwettaq ir-riċerka.

9. Proposta li tgħaddi b'suċċess mill-evalwazzjoni xjentifika, mill-analizzjiet tal-etika nazzjonali jew lokali u mill-analiżi tal-etika Ewropea se tiġi ppreżentata għall-approvazzjoni, fuq bażi ta' każ b'każ, lill-Istati Membri, imlaqqgħin bħala kumitat li jaġixxi f'konformità mal-proċedura ta' eżami. L-ebda proġett li jinvolvi l-użu ta' ċelloli staminali tal-embrijuni tal-bniedem u li ma jiksibx l-approvazzjoni mill-Istati Membri mhu se jiġi ffinanzjat.

10. Il-Kummissjoni Ewropea se tkompli taħdem biex ir-riżultati tar-riċerka dwar iċ-ċelloli staminali, li tkun ġiet iffinanzjata mill-Unjoni, ikunu ġeneralment aċċessibbli għar-riċerkaturi kollha, għall-benefiċċju aħħari tal-pazjenti fil-pajjiżi kollha.

11. Il-Kummissjoni Ewropea se tappoġġa azzjonijiet u inizjattivi li jikkontribwixxu għall-koordinazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni, f'approċċ etiku responsabbli, tar-riċerka dwar iċ-ċelloli staminali tal-embrijuni tal-bniedem. B'mod partikolari, il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa reġistru Ewropew ta' linji ta' ċelloli staminali tal-embrijuni tal-bniedem. Appoġġ għal tali reġistru se jippermetti monitoraġġ taċ-ċelloli staminali eżistenti tal-embrijuni tal-bniedem fl-Ewropa, se jikkontribwixxi għall-massimizzazzjoni tal-użu tagħhom mix-xjenzjati u jista' jgħin biex jiġu evitati derivazzjonijiet mhux meħtieġa ta' linji ġodda ta' ċelloli staminali.

12. Il-Kummissjoni Ewropea se tkompli bil-prattika attwali u mhix se tippreżenta lill-kumitat li jaġixxi f'konformità mal-proċedura ta' eżami proposti għal proġetti li jinkludu attivitajiet ta' riċerka li jeqirdu l-embrijuni tal-bniedem, inkluż biex jinkisbu ċelloli staminali. L-esklużjoni tal-finanzjament ta' dan il-pass ta' riċerka mhux se tipprejvjeni l-finanzjament tal-Unjoni ta' passi sussegwenti li jinvolvu ċ-ċelloli staminali tal-embrijuni tal-bniedem.

## **Dikjarazzjoni minn Franza**

Franza tilqa' l-ambizzjoni tal-programm il-ġdid tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni, Orizzont Ewropa, u tappoġġa l-adozzjoni tar-Regolament li jistabbilixxi dan il-programm.

Madankollu, aħna ntennu r-riżerva tagħna fir-rigward tar-referenza għall-"prinċipju ta' innovazzjoni", fil-premessa 6.

Filwaqt li nirrikonoxxu l-ħtieġa li jiġi vvalutat l-impatt tal-liġi tal-UE fuq l-innovazzjoni, f'konformità mal-Istrumenti għal Regolamentazzjoni Aħjar, aħna nnefasizzaw li ma hemm l-ebda definizzjoni legali tal-"prinċipju ta' innovazzjoni", għall-kuntrarju tal-prinċipju ta' prekawzjoni, li hija rikonoxxuta mit-Trattati (l-Artikolu 191(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea) u fil-ġurisprudenza (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (Awla Manja) tad-9 ta' Marzu 2010 fil-Kawża Magħquda C-379/08 u C-380/08, ERG et, u tal-1 ta' Ottubru 2019 fil-Kawża C-616/17, Mathieu Blaise et).

## **Dikjarazzjoni mill-Polonja**

L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-trattati tal-Unjoni Ewropea bħala dritt fundamentali. Il-Polonja tiżgura l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-qafas tas-sistema legali nazzjonali Pollakka f'konformità mal-istrumenti tad-drittijiet tal-bniedem li huma vinkolanti fuq livell internazzjonali u fil-qafas tal-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Għaldaqstant, il-Polonja tifhem formulazzjoni bħal "ġeneru" bħala li qed tirreferi għal "sess" f'konformità mal-Artikolu 8, 10, l-Artikolu 19, paragrafu 1 u l-Artikolu 157, paragrafu 2 u 4 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

## **Dikjarazzjoni mill-Iżvezja**

Il-programm qafas għandu jkun miftuħ kemm jista' jkun. L-aħjar riċerkaturi għandhom jingħataw il-mezzi biex isibu tweġibiet għall-mistoqsijiet tar-riċerka u biex isolvu l-isfidi tas-soċjetà. L-entitajiet legali fi ħdan l-Unjoni jridu jkunu jistgħu jikkontribwixxu għal innovazzjonijiet biex joħolqu l-ġid, ix-xogħol u s-sigurtà għaċ-ċittadini Ewropej.



L-esklużjoni mill-parteċipazzjoni fil-programm qafas ta' entitajiet legali Ewropej bi sjieda barra l-Unjoni trid tkun strettament limitata għal każijiet eċċezzjonali u limitata għal oqsma partikolarment sensittivi għas-sigurtà. F'dawn il-każijiet, iridu japplikaw kundizzjonijiet u kriterji ċari. F'dan il-kontest, il-kompetenza tal-Istati Membri trid tiġi rrispettata. L-esklużjoni ta' entitajiet legali Ewropej bi sjieda f'pajjiżi sħab strateġiċi la hija ta' ġid għar-riċerka u l-iżvilupp Ewropej, u lanqas għas-sigurtà u l-kompetittività tal-Unjoni.

### **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-Artikolu 5**

Il-Kummissjoni tiegħu nota tal-kompromess milħuq mill-koleġiżlaturi dwar il-formulazzjoni tal-Artikolu 5. Fil-fehma tal-Kummissjoni, il-programm speċifiku dwar ir-riċerka fil-qasam tad-difiża msemmi fl-Artikolu 1(2)(c) huwa limitat biss għall-azzjonijiet ta' riċerka fl-ambitu tal-Fond Ewropew għad-Difiża futur filwaqt li l-azzjonijiet ta' żvilupp huma kkunsidrati barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

### **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem dwar l-Artikolu 16.1.d**

Il-Kummissjoni taqbel bis-sħiħ mar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem kif stabbilit fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-tieni subparagrafu tiegħu "L-Unjoni għandha tfittex li tiżviluppa relazzjonijiet u tibni sħubija mal-pajjiżi terzi u mal-organizzazzjonijiet internazzjonali, reġjonali jew globali, li jikkondividu l-prinċipji msemmija fl-ewwel subparagrafu." Madankollu, il-Kummissjoni jiddispjaċiha dwar l-inklużjoni tar-"rispett tad-drittijiet tal-bniedem" fis-sett ta' kriterji li għandhom jiġu ssodisfati minn pajjiżi terzi sabiex ikunu eliġibbli għal assoċjazzjoni mal-Programm skont il-punt d) tal-Artikolu 16(1). L-ebda programm ieħor tal-UE għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali futur ma ra l-ħtieġa li jinkludi tali referenza espliċita, filwaqt li m'hemm l-ebda dubju li l-UE qed tfittex li ssegwi approċċ konsistenti fir-relazzjonijiet esterni tagħha ma' pajjiżi terzi fir-rigward tal-protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-istrumenti u fl-oqsma ta' politika kollha tagħha, u li għandu jiggwida din id-dispożizzjoni tal-Kummissjoni.

## **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-Kooperazzjoni Internazzjonali**

Il-Kummissjoni tiegħu nota tad-dikjarazzjoni unilaterali tal-Kunsill, li hija se tikkunsidra kif xieraq, b'mod konsistenti mat-Trattat, mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE, u mal-prinċipju tal-bilanċ istituzzjonali, meta tikkonsulta l-kumitat speċjali skont l-Artikolu 218(4) TFUE.

---